**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 39 – 2 ta' Dicembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 39. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm membri tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZJZONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 38 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif mressqa. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Mario Borg. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Minuti gew approvati b' mod unanimu. (79)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Ma tressaq l-ebda punt ghad-diskussjoni tal-Kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti gibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar ittra li rcieva minghand is-sur Andrew Thomas Watland dwar zvilupp li qieghed isir gewwa Hal Mula li minhabba fih gew maqtugha diversi sigar. Is-Sindku spjega li dawn is-sigar kienu wahda mill-ahhar pulmuni gewwa Haz-Zebbug u l-lokalità kienet qed titlef il-motto taghha li dejjem thaddar. Is-Sindku spjega li dwar is-suggett kien deher artiklu mis-sur Alan Deidun fuq il-gurnal The Sunday Times. Is-Sindku kompla jghid li jiddejjaq hafna li dwar progetti simili l-MEPA ma tikkonsultax mal-kunsill.

3.1.2. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo spjega lill-kunsill is-sitwazzjoni dwar il-permess li hemm fiz-zona indikata mis-sindku.

3.1.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li kien disgustat dwar il-fatt li l-kunsill ma kienx ikkonsultat fuq din l-applikazzjoni meta normalment il-MEPA tibghat kopja tal-applikazzjonijiet li jsiru.

3.1.4. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li kienet hasra li dawk is-sigar kollha tqacctu.

3.1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ikkummenta li fl-opinjoni tieghu il-Kunsill kellu juri b' mod uffcijali u pubbliku d-dizzappunt tieghu u tintalab li tittiehed azzjoni. Is-Sindku spjega li kien stieden lir-residenti li gibdu l-attenzjoni sabiex jippreparaw artiklu ghall-fuljett tal-kunsill.

3.1.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius wiegeb li jekk il-MEPA harget il-permess il-kunsill ma tantx seta' jaghmel affarijiet. Huwa talab li jkun aktar infurmat dwar il-kaz qabel ma l-kunsill jidhol f' battalji.

3.1.7. Il-Kunsillier Mario Borg qal li huwa jaqbel mas-Sindku li ghandha tittiehed azzjoni u rrifera bhala ezempju l-kaz tas-Sindku ta' Hal Lija dwar applikazzjonijiet simili.

3.1.8. Fuq suggeriment tal-kunsillier George Cortis kien hemm qbil li jigi nfurmat bil-kaz l-Membru Parlamentari l-Onor. Philip Mifsud u tintalab l-ghajnuna tieghu.

3.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera dwar korrispondenza li kellu mad-Direttur Generali tal-Kummerc is-sur Godwin Warr dwar il-kaz tal-hawker Dominic Bonnici. Is-Sindku spjega kif kiteb lis-sur Warr fuq parir tas-sur Martin Bugelli id-Direttur Generali responsabli mill-Kunsilli Lokali, sabiex is-sur Warr jaghti ruling tieghu fuq il-kobor tal-kaxxa tas-sur Bonnici. Is-Sindku spjega kif kien urtat fuq il-fatt li s-sur Warr ma kienx wiegbu u minflok wiegeb direttament lis-sur Bonnici. Is-Sindku Alfred Grixit talab lill-kunsill il-permess sabiex jikteb ittra ta' protest lis-sur Godwin Grima s-segretarju permanenti responsabli mic-civil ta' dan l-agir. Il-kunsill approva l-azzjoni mitluba mis-sindku.

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li rcieva korrispondenza minghand iz-Zebbug Youth Nursery sabiex il-kunsill jiffinanzja r-registrazzjoni ta' tlett it-tfal fin-nursery ghal sena. Is-Sindku spjega li skond iz-Zebbug Rangers Youth Nursery dawn it-tfal kienu gejjin minn familji fil-bzonn. Saret diskussjoni u ghalkemm kien hemm qbil li tkun xi haga sabiha li l-kunsill jghin lil dawn it-tfal, il-Kunsill kellu bzonn gwida mid-dipartiment dwar dan.

3.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera li kien attenda seminar dwar il-progett sabiex l-belt Valletta tkun il-belt kapitali tal-kultura tal-EU fis-sena 2018. Is-Sindku spjega li din l-inizjattiva xorta ha tkun tinkludi l-lokalitajiet l-ohrajn u spjega f' xiex kienet tikkonsisti l-inizjattiva. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jiffirma u jippartecipa f' din l-inizjattiva.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 39** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 37/2010 | 30/11/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Novembru 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 673 | 30/11/10 | 3,688.17 | Knis Novembru 2010 |
| Roccu Mifsud | 58 | 28/11/10 | 886.66 | Public Conveniences Novembru 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/11/10 | 1,724.16 | Tindif Soft Areas Novembru 2010 u qlugh ta' sigar |
| Philip Seguna | n/a | 26/11/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Novembru 2010 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| MicaMed Ltd | 492-503 | various | 1,275.75 | Streetlighting maintenance |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **17,150.59** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Wilson Mifusd | n/a | 28/09/10 | 972.00 | Road Paint |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 15/10/10 | 15,000.00 | Installment on works Triq il-Kurkanta |
| Go plc | 24591381 | 05/11/10 | 125.27 | Telephone bills |
| Go plc | 24591302 | 05/11/10 | 435.50 | Telephone bills |
| Go plc | 24591257 | 05/11/10 | 37.64 | Telephone bills |
| Guard & Warden | 2708 | 31/10/10 | 3,293.52 | Speed Cameras October 2010 |
| Guard & Warden | 2707 | 31/10/10 | 937.53 | Monitoring CCTV camera pjazza October 2010 |
| Guard & Warden | 2643 | 31/10/10 | 31.68 | Hire of Warden |
| Central Joint Committee | CJC313 | 31/10/10 | 4,417.56 | Tribunal Services October 2010 |
| Ta' Xmun Ironmongery | 5 341 338 | 14/03/10 | 1,000.29 | Ironmongery items |
| Ufficju Parrokjali | n/a | various | 550.00 | Kiri ta' Sala, Jum Haz-Zebbug laqgha anzjani u sahha |
| Barbara Music Shop | n/a | 27/10/10 | 1,357.00 | Kiri ta' pjanu, Jum Haz-Zebbug, trasport u insurance |
| Dipt tal-Protezzjoni Civili | various | various | 335.98 | Kiri ta' Fire Engines Festi |
| Thunder Beat Productions | 17, 18 | 01/11/10 | 336.30 | Hire of sound & light Jum Haz-Zebbug u attivita sahha |
| APS Consult | n/a | 09/11/10 | 472.00 | Application Photovoltaic |
| Flower Land | 2135 | 28/10/10 | 30.00 | Flowers zjara baned |
| F. Azzopardi & Ass. Ltd | 151/1110/044 | 09/11/10 | 600.00 | Engineering works EU project |
| St. Philips Band Club | 31 | 14/09/10 | 200.00 | Advert Good Friday (NightFest) |
| Francis Buhagiar | 637 | 01/07/10 | 399.00 | Xoghol Boards tal-Hadid |
| Image Consulting | 291 | 10/11/10 | 118.00 | Photographer Services |
| Almare | 38 | 10/11/10 | 491.00 | Hospitality Enna Delegation |
| Mario Bonnici | 67, 68 | 06/10/10 | 1,171.00 | Xoghol fuq rampi u bankini |
| MITA | various | various | 949.75 | Network Maintenance and services |
| Doris Cutajar | various | various | 746.24 | Librarian Services Aug - Oct 2010 |
| Pierre Portelli | 10/2010 | 01/11/10 | 1,250.00 | Designer works leaflets PPP & Vjal il-Helsien |
| Print Care Express | n/a | n/a | 755.20 | Printing |
| Bargain Food Store | 4 317 360 | 13/09/10 | 214.50 | Xema u tazzi - slaleb Gimgha Mqaddsa |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **36,226.96** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **53,377.55** | |
| | | | | |

4.2. Il-Kunsillier Philip Said talab iktar informazzoni dwar il-hlas relatat ma Almare u F. Azzopardi & Associates.

4.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta dwar il-pagament ta' Bargain Food store dwar is-slaleb tal-gimgha mqaddsa. Huwa qal li sa fejn jaf hu kollox kien inkluz fil-prezz li thallas. Is-Sindku wiegeb li din is-sena is-

servizz tat-twahhil tas-slaleb kien sar b' xejn imma li din l-invoice kienet ghal "consumables" bhax-xema li ntuzat biex jixghelu s-slaleb.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat mis-sinjorina Joelle Cortis li rebhet Miss Malta sabiex il-kunsill jiffinanzja premju lilha. Kien hemm qbil li tintalab gwida lid-dipartiment fuq dan il-kaz ukoll.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata hekk kifipprezentata. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu. (80)

## 5. DEKASTERI

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti pprezenta lill-Kunsilliera t-tibdil zghir li kien hemm fid-dekasteri fid-dawl tat-tibdil li kien hemm fil-kunsill. Id-dekasteri (appendix a) gew approvat hekk kif ipprezentati mis-Sindku.

## 6. RAPPORT TOROQ (PPP U VJAL IL-HELSIEN)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-gimghat ta' qabel kien iltaqa' mal-kuntrattur ta' Schembri Infrastructures dwar dawk it-toroq li kellu kuntratt fuqhom izda li kien waqaf ix-xoghol dwarhom minhabba l-WSC. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien lest li jahdimhom permezz ta' PPP bil-kundizzjoni li l-kunsill izid 30% fuq ir-rati kkwotati sabiex jaghmlu tajjeb ghall-interessi tal-bank. Is-Sindku spjega li dan kollu kien iddiskutieh mal-Onor. Chris Said f' laqgha li saret apposta u li ghaliha attendew l-Vici Sindku Duncan Bartolo u l-kunsillier Mario Borg. Is-Sindku qal li l-Onor. Said talbu sabiex jaghmel din it-talba b' mod formali u mbaghad ikun id-dipartiment li jiddeciedi dwarha.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dwar it-toroq li gew assenjati lil Bonnici Bros kienet saret laqgha mal-perit dwarhom gie specifikat li l-kunsill irid ilesti dawn it-toroq fi zmien 9 xhur.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq Triq il-Buskett kien qieghed jimxi b' pass tajjeb ghalkemm kollox irid isir bil-mod minhabba l-varji servizzi li ghaddejjin minn taht it-triq.

6.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-kunsill kien ircieva ittra minghand il-Housing Authority fejn din offriet l-appogg taghha lill-Kunsill ghall-progett tal-panelli fotovoltajici fuq il-housing estates gewwa Haz-Zebbug.

## 7. RIABILITAZZJONI TAL-WIED QIRDA U WIED BAQQIEGHA (GHAJNUNA MILL-GVERN CENTRALI U FONDI UE)

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li wara l-maltemp li kien hemm fl-ahhar gimghat saret hafna hsara gewwa Wied Qirda. Is-Sindku spjega li l-kunsill kellu jahdem fuq zewg livelli. Fl-ewwel fazi l-kunsill kellu ghamel kuntatt mal-Assistant Direttur tal-Works Division, is-sur Dione Gravino sabiex il-wied jitnaddaf mill-iskart ta' kostruzzjoni u skart iehor li hemm go fih. Is-Sindku qal li s-sur Gravino tah parir sabiex jikteb ittra lid-Direttur Generali, l-perit Karm Mifsud Borg u tintalab ghajnuna lill-Valley Management Unit. Fit-tieni fazi l-kunsill kellu jkellem lill-Meusac sabiex jipprepara applikazzjoni ghar-riabilitazzjoni tal-wied, simili ghal dik li ghamlu gewwa Wied il-Mielah, fl-Gharb Ghawdex. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 8. ARMAR TAD-DAWL TAL-MILIED

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kellu jiddeciedi minghajr dewmien jekk il-kuntratt ezistenti jigix imgedded ghat-tieni sena tieghu. Is-Sindku spjega li fid-dawl tal-fatt li fis-sena ta' qabel sar xoghol tajjeb u anke tal-fatt li ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex jinhareg tender iehor, huwa kien qieghed jipproponi li l-kuntratt jigi mgedded.

8.2. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo ghamel referenza ghall-minuti u semma li anke l-kunsillier George Cortis kien qabel li x-xoghol kien sar b' mod tajjeb hafna fis-sena ta' qabel u ghalhekk ma kien jara l-ebda raguni ghala dan it-tender ma jiggedidx.

8.3. Is-Sindku Alfred Grixit ressaq mozzjoni sabiex it-tizjin tal-Milied jerga jsir mis-sur Lawrence Cassar skond it-tender ezistenti. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (81)

## 9. HATRA TA' TENDER ADJUDICATION COMMITTEE U AWARD TA' TENDERS

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-laqgha tal-kunsill precedenti gie miftiehem li jigu nominati zewg persuni ohra fuq dan il-kumitat. Is-Sindku Alfred Grixti nforma li huwa kien qieghed jinnomina lis-sur Joe Cutajar. In-nomina tas-sur Joe Cutajar giet approvata.

9.2. Il-Kunsillier Mario Borg spjega li huwa kien avvicina lis-sur Raymond Cutajar li kien wera l-interess tieghu izda ma kellux konferma minghandu u ma nrexxilux jaghmel kuntatt mieghu fl-ahhar jiem. Il-Kunsillier Borg spjega li kien se jaghmel kuntatt mieghu l-ghada u jinforma lis-segretarju jekk is-sur Cutajar kienx accetta jew le in-nomina. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Borg jipprocedi b' dan il-mod u kien hemm qbil unanimu dwar in-nomina tas-sur Raymond Cutajar.

9.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kien se jitlob lil dan il-kumitat sabiex jahdem fuq it-tenders li kien hemm pendenti u kien se jaggorna l-laqgha ghas-16 ta' Dicembru 2010 fejn il-kunsill jiltaqa' biss sabiex jiddeciedi fuq it-tenders abbazi tal-hidma li tkun saret mill-kumitat. Kien hemm qbil dwar dan.

## 10. ATTIVITA` TAL-MILIED (DAR TAL-PROVIDENZA U SFILATA)

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li fl-1 ta' Jannar filghodu kienet se ssir l-isfilata tas-soltu relatata mal-Malta International Folk Festival u wara jkun hemm drink zghir ghall-partecipanti.

10.2. Is-Sindku spjega wkoll li fid-29 ta' Dicembru giet l-opportunita li l-Kunsill flimkien mal-Arcipriet jospitaw string orchestra li ddoqq gewwa l-knisja arcipretali. Is-Sindku spjega li relatat ma' din l-attivita l-kunsill kellu johrog madwar €600 relatat mat-trasport tal-orchestra. Is-Sindku spjega li kien tal-idea li din l-attivita tintuza sabiex jingabru fondi b' risq id-dar tal-providenza li jigu pprezentati fl-ewwel tas-sena. Is-Sindku kompla jghid li wara se jsir riceviment zghir fis-sala parokkjali.

## 11. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera l-mod kif se jopera l-gbir ta' skart fil-festi tal-Milied. Is-Sindku spjega li fil-Milied u l-Ewwel tas-sena mhux se jingabar skart, filwaqt li fis-26 ta' Dicembru u t-2 ta' Jannar li jkun l-Hadd l-iskart kien se jingabar b' mod regolari. Is-Sindku kompla

jghid li fit-28 ta’ Dicembru u fl-4 ta’ Jannar li jkunu t-Tlieta l-kunsill kien se jipprova esperiment billi jingabar biss l-iskart riciklabli.

11.2. Il-Kunsillier George Cortis ressaq ilment dwar plot miftuh fi triq Dun Bartilmew Attard.

11.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk il-kuntrattur Raymond Calleja kienx ipprezenta l-istima ghat-tieni fazi tax-xoghol hdejn il-Lunzjata.

11.4. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li kien qieghed jahdem fuq numru ta’ applikazzjonijiet tal-EU relatati mal-gemellagg u kien se jzomm lill-kunsill infurmat dwarhom.

11.5. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li ghal progett tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh kienu applikaw 3 zghazagh biss u kien qieghed jittama li jithajru zghazagh ohrajn.

11.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-kumitat imwaqqaf mill-kunsilliera Mary Vassallo La Rosa kien beda jopera u kienet se torganizza harga ghal Ghawdex.

11.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li s-Sibt 18 ta’ Dicembru 2010 kienet se ssir l-ikla tal-Kunsill skond d-direttivi ta’ memo 122 mahruga mid-dipartiment.

## 12. AGGORNAMENT

12.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 16 ta’ Dicembru fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.40pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv